

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-12 ta' Novembru 2010 —
Deutsche Bahn vs UASI
(Tagħqid orizzontali tal-kuluri griż u aħmar)**

(Kawża T-404/09)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tikkonsisti f'tagħqid orizzontali tal-kuluri griż u aħmar — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta' karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 26, 28-37)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Lulju 2009 (Każ R 379/2009-1), dwar applikazzjoni għal regjistrazzjoni ta' sinjal bil-kulur, li jikkonsisti fit-tagħqid tal-kuluri griż u aħmar, bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Deutsche Bahn AG
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark li tikkonsisti f'tagħqid tal-kuluri griż u aħmar għas-servizzi tal-klassi 39 — Applikazzjoni Nru 6733315

Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Deutsche Bahn AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-12 ta' Novembru 2010 —
Deutsche Bahn vs UASI
(Tagħqid vertikali tal-kuluri griż u aħmar)**

(Kawża T-405/09)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tikkonsisti f’tagħqid vertikali tal-kuluri griż u aħmar — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li ma humiex ta’ karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 26, 28-37)